MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 21/2013/1

**John Tanti**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-17 ta' Gunju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet maghmula mir-rikorrent ghal dikjarazzjoni li bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija [Maggur John Chalker] v. John Tanti** gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], u wkoll sabiex jinghataw ir-rimedji opportuni.

**<u>Il-Meritu</u>**

2. Permezz ta' komparixxi datata 14 ta' Dicembru 2010, ir-rikorrent kien gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex jirrispondi ghas-segwenti akkuza:

> "…. fis-16 ta' Jannar 2009, f'Deja Co. Ltd, Demajo House, 103, Triq l-Arcisqof, Valletta, fuq talba tal-Employment and Training Corporation, talli fil-kapacita' tieghek bhala direttur tas-socjeta' Deja Company Ltd. fis-16 ta' Jannar 2009 u qabel din id-data, nqast li tavza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddimt mieghek lil Aychan Ciplak, ta' nazzjonalita' barranija, u dan ai termini tal-artikoli [tal-] Att XXVIII tal-1990 Art.3[a], 4 tal-AL.110/93 Art.10 tal-AL 110/93"

3. B'sentenza moghtija dak in-nhar stess, dik il-Qorti iddecidiet billi sabet lir-rikorrent hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu ai termini tal-Artikoli 3[a], 4, 7 u 10 tal-avviz legali 110/93 u kkundannatu ghal multa ta' €1,132.

4. Ir-rikorrenti, allura akkuzat, appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, izda l-appell tieghu gie michud.

5. L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-imsemmija Qorti tal-Appell Kriminali, ghalkemm ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, naqset milli tikkonsidra specifikatament wiehed mill-aggravji tieghu, senjatament it-tieni aggravju, li kien jittratta dwar il-post fejn kien gie allegatament kommess ir-reat, u ghalhekk qed isostni li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq skont l-artikolu konvenzjonali fuq citat.

6. Min-naha tieghu l-intimat isostni li m'huwiex minnu li dan l-aggravju gie injorat mill-imsemmija qorti, u jsostni li dan l-aggravju kien gie kkonsidrat flimkien mal-aggravji l-ohra li kienu jittrattaw il-meritu.

**Is-Sentenza Appellata**

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet tar-rikorrenti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghed jilmenta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Jannar 2013 u dana stante li skont l-istess rikorrenti, is-sentenza hija leziva tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq in kwantu jallega li dik il-Qorti naqset li tikkonsidra wiehed mill-aggravji dedotti minnu fir-rikors tal-appell tieghu.
>
> "Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> *"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi."*

"Ghalkemm mhux espressament stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, id-dritt ghal sentenza motivata huwa inerenti ghad-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 6 surriferit. Maghdud ma' dan hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jinkludu l-obbligu tal-Qrati li jaghti motivazzjoni sufficjenti ghad-decizjonjiet taghhom. Decizjoni motivata turi lill-partijiet li l-kaz taghhom gie verament mismugh u trattat.

"Il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu tirrifletti:-

> *"a principle linked to the proper administration of justice, judgement of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based."*

"Pero,

> "*the extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case*".

"(Eur. Court. HR, ***Garcia Ruiz v. Spain***, decizjoni tal-21 ta' Jannar 1999, Report 1999-I, p.97, para 26), Ruiz Torija v Spain u Hiro Balani v Spain 5 Hum. Rts. Case. Dig 357 (1994) (19 ta' Dicembru 1994).

"Ghalhekk huwa necessarju li jittiehed kont, inter alia, tad-diversità tas-sottomissjonijiet maghmula minn litigant, tad-differenzi bejn il-pajjizi dwar disposizzjonijiet statutorji, il-mod ta' kif jigu preparati u abbozzati s-sentenzi (Ruiz Torija v Spain; Hiro Balani v Spain).

"Izda meta sottomissjoni ta' parti tkun deciziva ghall-ezitu tal-proceduri, jinhtieg li jkun hemm risposta espressa u specifica (Ruiz Torija v Spain u Hiro Balani v Spain.

"Huwa car ghaldaqstant li l-qrati ghandhom iqisu u jittrattaw l-argumenti principali tal-litiganti (Buzescu v Romania; Donadze v Georgia) u fir-rigward ta' ilmenti koncernanti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-Konvenzjoni u l-Protokolli, il-qrati ghandhom jaghmlu tali ezami b'reqqa partikolari u b'mod akkurat (Wagner and J.M.W.L v Luxembourg no 76240/01).

"Inoltre, ghalkemm l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument" (***Garcia Ruiz v. Spain***, para 26, p.98). L-istess gie ritenut fis-sentenza Van de Hurk v. Netherlands (19 t'April 1994); Jahnke and Lenoble v France (29 t' Awwissu 2000) u Perez v France. Konsegwentement, il-Qorti tista' "in dismissing an appeal, … simply endorse the reasons for the lower court's decision".

"Fil-kaz ta' Garcia Ruiz, ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li l-Audiencia Provincial ta' Madrid naqas li jaghtih risposta ghall-argumenti mressqa minnu. Il-Qorti Ewropea pero nnotat li r-rikorrenti "had the benefit of adversarial proceedings" u li, f'kull waqt tal-proceduri, "he was able to submit the arguments he considered relevant to this case"; u fir-rigward tas-sentenza tal-Appell tal-Audiencia Provincial, din tal-ahhar "endorsed the statement of the facts and the legal reasoning set out in the judgement at first instance in so far as they did not conflict with its own findings" u, konsegwentement, sabet li r-rikorrenti f'dawk il-proceduri ma setax jargumenta validament "that this judgement lacked reasons, even though in the present case a more substantial statement of reasons might have been desirable".

"Inghad fis-sentenzi Burg and Others v France (no. 34763/02, 28 January 2003) u Gorou v. Greece (no. 2) [GC], no. 12686/03, 20 ta' Marzu 2009 li "Article 6(1) does not require an appellate court to give more detailed reasoning when it simply applies a specific legal provision to dismiss an appeal on points of law as having no prospects of success, without further explanation".

Illi dan l-insenjament isib konfort fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta` Gunju 2008 kif konfermata b`sentenza tal-istess Qorti fil-proceduri ta' ritrattazzjoni decizi fil-31 ta` Ottubru 2008 fil-kawza ***Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija***:

*"Ghall-fini ta` aktar kjarezza, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li tghid jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali applikatx il-ligi sewwa ghall-fatti li kellha quddiemha. Propju ghaliex din mhix Qorti del terzo grado. Ir-rwol ta`din il-Qorti huwa li tistharreg jekk it-trattament tar-rikorrent mill-Qorti tal-Appell Kriminali jwassal ghall-accertament ta` ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill- Konvenzjoni.*

*"Fil-kawza **"Simon Brincat vs l-Onorevoli Prim Ministru et"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Gunju 1994 kien affermat li d-dritt ghal smigh xieraq mhux dritt minghajr ebda limitazzjoni imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura. U skartat bhala sorprendenti, disordinata u*

*rragonevoli l-proposizzjoni li d-dritt ta` smigh xieraq m`ghandu jkollu l-ebda limitazzjonijiet ghax tali dritt huwa l-qofol ta` kollox. Il- Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ghaliex id-dritt ghal smigh xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni irid jiftiehem fil-kuntest ta` "the rule of law*."

"Ikkonsidrat:

"Fid-dawl tal-ilment tar-rikorrenti li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie mittiefes taht l-Artikolu 6 peress li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkonsidrax aggravju li ressaq fir-rikors tal-appell tieghu u li tratta quddiemha fis-sottomissjonijiet orali, l-iskrutinju li trid taghmel din il-Qorti huwa li taccerta jekk il-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in kwistjoni jwasslux sabiex jigi stabbilit ksur tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares mill-Konvenzjoni.

"Fuq l-iskorta tas-sentenzi precitati, apparti l-fatt li r-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex waslet ghas-sentenza taghha mhux wahedha raguni ghall-invokazzjoni tal-artikolu 6, dak li hu importanti hu illi l-Qorti tat id-dritt lir-rikorrenti ghal smigh pubbliku minn Qorti imparzjali w indipendenti, bi zmien biex jipprepara ruhu, bid-dritt li jkun rapprezentat u li jtella' l-provi li jidhirlu necessarji ghad-difiza tieghu u bi dritt ta' sottomissjonijiet finali. Jekk r-rikorrenti ma qabilx mas-sentenza ghar-ragunijiet moghtija, avolja anki jekk ghal grazzja tal-argument ma dahlitx funditus fl-ilmenti kollha sollevati mir-rikorrent, ma jfissirx li gie lez lilu xi dritt ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"Kif ighidu l-awturi Jacobs, White & Ovey: "*The Court's task with regard to a complaint under article 6 is to examine whether the proceedings taken as a whole were fair and complied with the specific safeguards of the Convention. Legal certainty is achieved when the Courts have finally determined an issue. Their ruling should not be called in question. Legal certainty presupposes respect for the principle of res judicata. No one is entitled to seek a review of a final and binding judgement merely for the purpose of obtaining a rehearing of the case*". Ikomplu li hu importanti hu l-ugwaljanza tal-armi, sentenza regunata "*which is not upset merely because the judgement does not deal specifically with one point considered by the applicant to be material*".

"Fil-mod kif kien meqjus mill-Qorti tal-Appell Kriminali t-tieni aggravju tar-rikorrent din il-Qorti ma ssibx li kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-fatt li fil-korp tas-sentenza ma ssirx riferenza specifika ghal dak it-tieni aggravju izda ssir dik ir-riferenza fid-decizjoni b`ebda mod ma jfisser li l-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda widen jew konsiderazzjoni ghal dak li kien qed jinghad mir-rikorrent. Li certament rilevanti huwa l-fatt li dik il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa` l-appell tar-rikorrent. Din il-Qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonduciet il-procedura ta` l-appell tar-

rikorrent u kif ifformulat is-sentenza taghha bil-motivazzjonijiet hemm imressqa.”

**L-Appell**

8. Dan hu bazat fuq aggravju wiehed li hu fis-sens li bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali dik il-Qorti ma trattatx it-tieni aggravju tieghu li kien jirrigwardja l-post fejn gie kommess ir-reat li bih kien gie akkuzat, gie miksur id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

9. Permezz tar-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tghaddi sabiex, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat appellat, tilqa’ t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

10. Min-naha tieghu l-intimat qed jitlob li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tieghu, din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

11. Il-fatti relevanti ghal-aggravju, kif esposti fir-rikors promotorju huma dawn.

12. Ir-rikorrent kien gie akkuzat u eventwalment misjub hati talli kkommetta r-reat indikat fl-akkuza fil-fond “Demajo House, 103 Triq l-Arcisqof, Valletta”.

13. Huwa appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu, u fost l-aggravji imressqa minnu, u precizament it-tieni aggravju tieghu [quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali], hu sostna li, la hu, u lanqas il-kumpanija Deja Co. Ltd m'ghandhom u qatt kellhom xi hanut jew negozju iehor f'"Demajo House, 103 Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta fejn allegatament sehh l-incident. Ghalhekk isostni li l-appell tieghu kellu jigi milqugh, u konsegwentement kellu jigi liberat mill-akkuza.

14. Il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tieghu.

15. Ir-rikorrent isostni li dik il-Qorti fis-sentenza taghha "naqset ghal kollox milli tiehu konsiderazzjoni u tqis it-tieni aggravju [tieghu]". Fis-sentenza taghha dik il-Qorti, filwaqt li elenkat dan l-aggravju f'dik il-parti fejn gew riepilogati l-aggravji tieghu, naqset milli taghmel ebda referenza ulterjuri ghalih fil-bqija tas-sentenza. Ghal kuntrarju ta' dan, l-aggravji l-ohra kollha gew ikkonsidrati u mwarrbin abbazi ta' ragunijiet u motivi li jinstabu espressi kjarament fl-istess sentenza.

16. Ir-rikorrent jghid li, tenut kont li dan l-aggravju kjarament ma kienx wiehed manifestment infondat, dik il-Qorti ma kellhiex tinjorah fil-konsiderazzjonijiet taghha.

*L-aggravju*

17. Dan hu fis-sens li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija *"afflitta minn assenza assoluta ta' motivazzjoni ghal dak li kien jirrigwardja t-*

*tieni aggravju dedott mill-esponenti fir-rikors tal-appell [kriminali] tieghu, bil-konsegwenza allura li gie lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq".*

18. Jispjega li l-uniku darba li jissemma' dan it-tieni aggravju kien biss fil-parti preliminari tas-sentenza fejn sar ir-rijassunt tal-aggravji dedotti, u ma regghax issemma' aktar. Jghid li hija insostenibbli t-tezi tal-intimat, u li giet addotata mill-ewwel Qorti, li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet fil-fatt ikkonsidrat dan l-aggravju mal-kumplament tal-aggravji l-ohra fil-parti deskritta minnha bhala *"Aggravji ohra jikkoncernaw il-meritu"*

19. Ir-rikorrenti jsostni li bil-fatt li fil-konsiderazzjonijiet taghha dik il-Qorti ma offriet *"l-ebda raguni jew hjiel"* ghaliex kienet qeghda *"effettivament"* tirrigetta t-tieni aggravju tieghu *"gara li ma hemm l-ebda garanzija oggettiva li dak l-istess aggravju gie kkonsidrat minn dik il-qorti".* Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma qiesitx id-distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-Qorti ma taghtix ragunijiet bizzejjed u dawk il-kazijiet fejn, bhala dak in dizamina, ikun hemm assenza totali ta' ragunijiet fir-rigward ta' talba, eccezzjoni jew aggravju partikolari.

20. Jghid li, ghalkemm huwa minnu li fil-gurisprudenza patria jinsab ritenut il-principju li l-Qorti m'hijiex obbligata li tinvesti kull argument migjub minn parti in sostenn tal-pozizzjoni taghha, ghandu jkun evidenti li ghandha ssir distinzjoni bejn argument u talbiet, billi fi procediment gudizzjarju jista' jkun hemm talba wahda, izda diversi argumenti in sostenn ta' dik it-talba. Mandankollu

m'hemmx dubju li kull talba jew eccezzjoni sollevati minn parti fi procediment gudizzjarju ghandhom jigu kkonsidrati u decizi u l-Qorti ghandha taghti r-ragunijiet li wassluha ghall-akkoljiment jew ghar-rigett tal-istess.

21. Inoltre hija gurisprudenza accettata li fil-procedura penali l-aggravji proferiti fir-rikors tal-appell ghandhom l-effett li jorbtu lill-appellant fir-ragunijiet li jista' jaghti ghall-akkoljiment tal-appell tieghu, u jorbtu wkoll lill-Qorti tal-Appell Kriminali f'dak li hija tista' tikkonsidra rifferibbilment ghal tali appell.

22. Lejn l-ahhar parti tal-aggravju tieghu r-rikorrenti jissenjala l-fatt li t-tieni aggravju kien tali "*li min-natura tieghu ma kienx wiehed negligibbli*" tenut kont tal-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa kien spjega hekk dan il-fattur fir-rikors promotur tieghu li, *"Huwa principju tad-dritt penali ta' dan l-Istat li meta l-akkuza tkun kwalifikata bil-lok u biz-zmien, il-prova tal-prosekuzzjoni trid tkun diretta anke fil-konfront ta' dawn l-elementi".*

23. Ghalhekk isostni li *"fl-assenza ta' dawn ir-ragunijiet, ma jistax jigi effettivament determinat jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhiex l-intenzjoni li twarrab dak l-aggravju meta tat is-sentenza in kwistjoni, jew inkella injoratx dak l-istess aggravju".*

24. L-intimat min-naha tieghu jirribatti ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti.

25. Huwa jiccita l-awtrici Karen Reid fis-sens li, ghalkemm l-Artikolu 6 jimponi fuq il-qrati l-obbligu li jaghtu ragunijiet ghad-decizjonijiet taghhom, izda *"A detailed answer to every argument is not required …. Lack of reasoning is likely more acceptable in the higher instances, in the same way that it may be compatible to dispense with oral or public hearings".*[1]

26. Ghalhekk isostni li l-fatt li fil-korp tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma saritx referenza specifika ghat-tieni aggravju izda saret dik ir-referenza fid-decizjoni, b'ebda mod ma jimplika li dik il-Qorti ma tatx widen jew ma kkonsidratx dak li kien qieghed jigi sottomess mir-rikorrent. Fil-fatt kif jidher mill-istess sentenza dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni ahharija *"wara li rat l-akkuza dedotta kontra [ir-rikorrent], rat is-sentenza appellata, rat ir-rikors tal-appell, fliet l-atti kollha processwali, rat il-fedina penali tal-appellant u rat l-aggravji tieghu, inkluz ghalhekk it-tieni aggravju."*

27. Ikompli jghid, u jiccita wkoll kazistika tal-Qorti Ewropea, li l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatx ragunijet specifici ghac-cahda tat-tieni aggravju ma jfissirx li r-ragunijiet moghtija ghac-cahda tal-aggravji kollha fl-appell tar-rikorrent ma jinkludux dawk dwar it-tieni aggravju. Il-fatt li dik il-Qorti deherilha li tikkonsidra uhud mill-aggravji separatament, filwaqt li ohrajn, inkluz allura t-tieni aggravju, tikkonsidrahom flimkien ma jwassalx ghall-konkluzjoni li dan it-tieni aggravju ma giex ikkonsidrat.

[1] "A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

28. In tema legali, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika citata mill-ewwel Qorti dwar il-principji identifikati mill-Qorti Ewropeja in materja, izzid is-segwenti brani relevanti ghall-vertenza in dizamina.

29. L-Awturi Harris, O' Boyle and Warbick jghidu:

> "The requirement of a 'fair hearing' also supposes that a court will give reasons for its' judgement, in both criminal and non-criminal cases .... the right to a reasoned judgment apples to appellate, as well as lower court decisions, although an appellate judgement may not have to be so fully reasoned. It may be sufficient for an appeal court that agrees with the reasoning of the trial or lower court simply by incorporating that reasoning by reference or otherwise indicate its agreement with it *[Garcia Ruiz v Spain 1999].* The essential requirement in such cases is that, in one way or another the appeal court shows that it **'did in fact address the essential issues'** in the appeal[2], and did not endorse without evaluation the decision of the lower court *[Helle v Finland 1997]* or allow an appeal without addressing them [*Lindner and Hammermayer v Rumania 2002].*"[3].

30. Fil-kaz **Burg and Others v. France**[4], il-Qorti Ewropea osservat:

> "The Court reiterates that although Article 6 [1] obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detalied answer to every argument *[see Vande Hurk v the Netherlands, judgment of 19 April 1994, Series A no.288 para.61; Immeubles Groupe Kosser v France [dec] 38748, 9 March 1999; and Latournerie v France [dec] no 50321/99, 10 December 2002].* Nor is the Court called upon to examine whether arguments are adequately met. Courts must reply to **parties' essential agruments**[5]**,** but the extent to which that duty applies may vary in accordance with the nature of the decision and must therefore be assessed in the light of the circumstances of the case *[see, among other authorities, Hiro Balani v Spain, judgment of 9 December 1994, Series A no.303-B p.29 para.27].*

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[3] "Law of the European Convention on Human Rights" – Tieni Edizzjoni pga.268.
[4] App.34763/02, deciza 28 Jannar 2003.
[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

> "Lastly the Court refers to its case-law to the effect that Article 6 *does not require detailed reasons* to be given for a decision in which the appellate court, applying a specific legal provision, dismisses an appeal as having no prospects of success *[see Immeubles Groupe Kosser and Latournerie, both cited above; see also, mutatis mutandis, Kok v the Netherlands [dec.] no.43149/98, ECHR 2000-VI]."*

31. Fil-kaz **Sawoniuk v. United Kingdom**[6], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat li:

> "The reasons for a decision may be also implied from the circumstances in some cases. In the case of applications for leave to appeal, which are the pre-condition for a hearing of the claims by the superior court and the eventual issuing of a judgment, the Court considers that Article 6 [1] cannot be interpreted as requiring that the rejection of leave be subject itself to a requirement to give detailed reasons."[7]

32. Fil-meritu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

33. Fl-ewwel lok tosserva li l-kaz odjern ma jitrattax appell minn digriet dwar jekk ir-rikorrent ghandux jinghata jew le permess li jappella, imma huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha r-rikorrent kien gie misjub hati u kkundannat ghal piena ta' multa mhux zghira. Ghar-ragunijiet li ser jinghadu 'l quddiem f'dan il-kaz kien jehtieg li r-ragunijiet kollha li fuqhom hu bazat l-appell jigu indirizzati specifikatament mill-Qorti tal-Appel Kriminali.

---

[6] Appl.63716/00 pga/10.

[7] Dan il-principju gie applikat minn din il-Qorti fil-kawza 38/2011 Patrick Spiteri vs Avukat Generali, deciza 25 Jannar 2013. Dan kien kaz fejn, ghalkemm id-digriet li bih il-Qorti tal-Familja cahdet it-talba tar-rikorrent biex jappella, ma kienx motivat, izda kien hemm digriet precedenti motivat, u ghalhekk din il-Qorti osservat li kien hemm "implied reasons from the circumstances".

34. Fl-appell tieghu quddiem dik il-Qorti r-rikorrent ressaq hames aggravji li gew indikati fil-parti preliminari tas-sentenza taghha, u anke sar rijassut taghhom. L-aggravji numri wiehed u tlieta kienu jittrattaw vertenzi ta' natura kostituzzjonali, l-aggravji numru tnejn u erbgha kienu jitrattaw il-meritu tal-appell, filwaqt li l-aggravju numru hamsa jittratta l-piena inflitta mill-Qorti tal-Magistrati.

35 L-aggravji dwar il-meritu huma t-tieni u r-raba' aggravi. Fit-tieni aggravju r-rikorrent pogga ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali il-punt li mis-smigh tal-provi hareg car li r-reat imputat lilu fil-komparixxi ma setghax sehh fil-post indikat fil-komparixxi, u cioe` fi Triq l-Arcisqof il-Belt Valletta, fejn la r-rikorrent, allura akkuzat, u lanqas il-kumpanija tieghu, ma ghandhom jew kellhom hanut u/jew jiggestixxu xi negozju hemm. L-uniku hanut li ghandha l-kumpanija hu l-bar bl-isem Q-Bar li jinsab fil-Valletta Waterfront il-Furjana. Fir-raba' aggravju tieghu r-rikorrent sostna li hu qatt ma haddem mieghu jew mal-kumpanija tieghu lil Ayhan Ciplak.

36. F'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li l-aggravji quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jiddefenixxu l-parametri tal-appell b'mod li la l-appellant ma jista' jressaq argumenti ulterjuri mhux konnessi mal-aggravji tieghu, u lanqas l-istess Qorti ma tista' tikkonsidra u tiddeciedi fuq vertenzi mhux komprizi fl-aggravji mressqa mill-appellant. Hekk per ezempju gie ritenut mill-istess Qorti li "...bhalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Darren Attard** deciz fit-3 ta'

Settembru 2001: 'Hija gurisprudenza kostanti li galadarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet, tal-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkonsidrati minn din il-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati'"[8]. Dan il-principju gurisprudenzjali jossottolinea l-importanza li l-Qorti tal-Appell tikkonsidra l-aggravji kollha li jkollha quddiemha u li jkunu jifformaw il-bazi tad-decizjoni taghha.

37. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li trattat l-aggravji ta' natura kostituzzjonali, u cioe` l-ewwel u t-tielet aggravji, ghaddiet sabiex tikkonsidra *"Aggravji ohra li jikkoncernaw il-meritu"*[9].

38. Fil-konsiderazzjoni ta' dawn l-aggravji dik il-Qorti, ghalkemm trattat il-meritu tar-raba' aggravju u waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm ness bejn ir-rikorrent u Ciplak u li dan tal-ahhar kien qed jahdem minghajr il-permess necessarju fil-hanut Q-Bar fil-Valletta Waterfront, il-Furjana, naqset milli tikkonsidra wkoll il-mertu tat-tieni aggravju u, minflok, ghaddiet biex tikkonsidra l-aggravju dwar il-piena.

39. Din il-Qorti tosserva li, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravji l-ohra, dik il-Qorti ma ghamlet <u>ebda referenza</u>, jew ebda accenn ghall-aggravju relatat

[8] App.Kriminali "Il-Pulizija vs Gaetan Gatt", deciz 16 Jannar 2013].
[9] Pga. 9 tas-sentenza.

mal-post fejn sar ir-reat, u dan, minkejja li dik il-Qorti sabet li r-reat imputat kien gie kommess f'post differenti minn dak indikat fl-att tal-komparixxi. Jidher car mis-sentenza li dik il-Qorti naqset milli tikkonsidra dan l-aggravju.

40. Din il-Qorti tosserva ulterjorment li l-vertenza meritu tat-tieni aggravju ma setghetx titqies bhala manifestament infondata b'mod li allura l-Qorti tal-Appell Kriminali setghet legalment tiddisponi minnu implicitament. Hawnhekk issir referenza ghal kazistika ta' dik l-istess Qorti fejn qieset bhala fatali ghall-kaz tal-prosekuzzjoni d-diskrepanza bejn il-hin indikat fil-komparixxi u l-hin li fil-fatt irrizulta mill-provi li fih gie kommess ir-reat[10]. Ukoll, u b'mod aktar relevanti ghall-kaz in dizamina issir referenza ghal dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri**[11] fejn l-akkuzat gie mehlus minn akkuzi ta' stupru minhabba indikazzjoni zbaljata fil-komparixxi <u>tal-post</u> fejn sehh ir-reat[12].

41. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-post fejn sar ir-reat huwa fatt importanti fl-akkuza li kien jehtieg li jigi pruvat mill-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tal-Magistrati [Malta] tasal ghas-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu. Ghalhekk il-vertenza sollevata bit-tieni aggravju kellha titqies bhala *"essential issue"* li kellha tigi indirizzata mill-imsemmija Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, anke jekk brevement, u ma kienx bizzejjed li dik il-Qorti fis-sentenza taghha taghmel

---

[10] Ara. Appelli Kriminali "Il-Pulizija vs John Mary Briffa", deciz 18 Ottubru 2005 u "Il-Pulizija vs Warren Piscopo, deciz 19 Ottubru 2011].
[11] 18 April 2012.
[12] F'dan il-kaz irrizulta li r-reat imputat kien gie kommess fil-Marfa, filwaqt li fil-komparixxi l-post tar-reat gie indikat bhla li sehh Santa Venera.

rijassunt ta' dan l-aggravju, mal-aggravji l-ohra, u mbaghad tichdu mal-aggravji l-ohra minghajr ma tat ragunijiet. Fis-sentenza de quo ma hemm xejn x'juri li l-Qorti tal-Appell Kriminali <u>effettivament ikkonsidrat</u> dan l-aggravju, u ghalhekk huwa gusitifikat l-ilment tar-rikorrent li b'dik is-sentenza gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq ghax dik il-Qorti naqset li b'xi mod turi li *"it did in fact address the essential issues in appeal and did not endorse without evaluation the decision of the lower court.."*[13].

42. Rigward ir-referenza maghmula mill-ewwel Qorti ghall-kaz **Garcia Ruiz v. Spain**[14], din il-Qorti tosserva li l-paragun ta' dak il-kaz mal-kaz odjern ma jreggix u ma jista' jkun ta' ebda konfort ghall-intimat f'dawn il-proceduri stante li f'dak il-kaz fis-sentenza taghha l-Qorti tal-ewwel grad kienet tat ragunijiet dettaljati ta' x'wassalha ghad-decizjoni taghha, u ghalhekk kien lecitu u konformi mal-principju tad-dritt ghal smigh xieraq li l-Qorti tal-Appell taddotta <u>"the statement of facts and the legal reasoning set out in the judgment</u> at first instance, in so far as they did not conflict with its own findings". Mentri fil-kaz in dizamina dan ma setghax isir ghax il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-decizjoni taghha ma tat ebda ragunijiet, u ghalhekk ma kienx hemm konsiderazzjonijiet jew ragunijiet x'jigu addottati.

[13] Harris, O'Boyle and Warbick [supra].
[14] Appl. 30544/96.

43. In fine hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Kuznetsov and Others v. Russia**[15] li*:* "It is only by giving a reasoned decision that there can be public scrutiny of the administration of justice *[see* **Hirvisaari v. Finland***, no.49684/99 para.30, 27 September 2001]"*.

44. Ghaldaqstant l-aggravju huwa fondat u jimmerita li jigi milqugh.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tar-rikorrent u thassar is-sentenza appellata, u, minflok, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, u tiddidkjara li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija [Maggur John Walker] v. John Tanti** gie lez id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u bhala rimedju, filwaqt li tannulla dik is-sentenza, tordna li r-rikorrent jitpogga fl-istess pozizzjoni li kien qabel ma' nghatat dik is-sentenza.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-intimat appellat.

Tordna li l-atti odjerni jigu mibghuta lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[15] Appl. 184/02 para.83, deciz 11 ta' Jannar 2007.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------